MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2003

Numru 6/2002

**Att ta’ Akkuza 6/2002**

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**vs.**

**Mario Falzon**

Il-Qorti:

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta’ Novembru, 2002, u hu limitat ghall-piena. B’dik is-sentenza l-ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellant Mario Falzon ghall-piena ta’ erba’ snin prigunerija (li minnhom irid jitnaqqas kull perijodu li fih l-istess Falzon dam arrestat in konnessjoni mar-reat li tieghu kien qed jigi kkundannat) kif ukoll ghall-hlas ta’ Lm569.25c spejjez peritali, u dana wara li l-imsemmi Mario Falzon ammetta (f’dik l-istess udjenza tat-12 ta’ Novembru, 2002) l-akkuza migjuba kontra tieghu mill-Avukat Generali. Din l-akkuza kienet li fl-14 ta’ Jannar, 1999 huwa *“…bil-vjolenza kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b’dan li r-reat kien tali li l-persuna li fuqha sar l-abbuz ma setghetx tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh, jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom, u b’dan ukoll li l-hati inqeda bil-kwalita` tieghu ta’ ufficjal pubbliku, kif ukoll bhala impjegat jew ufficjal pubbliku sar hati ta’ dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.”*

Brevement il-fatti kienu li certa R. M., pazjenta fl-isptar Monte Carmeli li kienet kompletament psikotika u kienet ukoll maghrufa li ghandha certi impulsi sesswali li ma tistax tikkontrollahom, stiednet lill-appellant biex ikollu x’jaqsam maghha f’wiehed mill-*wards* ta’ l-isptar fil-hin li huwa kien qed idur biex ibiddel il-lozor (l-appellant kien jahdem fil-*laundry* ta’ l-isptar u kellu l-kariga ta’ Health Assistant, prattikament fattiga). Huwa hekk ghamel; inqabad ghax pazjenta ohra li kienet fl-istess *ward* rat kollox, kif ukoll ghax l-istess R.M. marret tiftahar b’li kien ghadda minghaliha. Meta l-appellant gie interrogat mill-Pulizija huwa mill-ewwel ammetta l-fatt. F’dan il-kaz l-istupru kien jissussisti mhux ghax kien hemm vjolenza fizika jew materjali, izda ghax kien hemm dak li bl-Ingliz jissejjah “constructive violence” in virtu` ta’ l-Artikolu 201 tal-Kap. 9, li jipprovdi li *“L-istupru u kull attentat iehor ghall-pudur jitqies dejjem bhala vjolent – (a) meta jkun sar fuq persuna taht l-eta` ta’ tnax-il sena; (b) meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuz ma tkunx tista’ tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra*

*indipendenti mill-eghmil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom"* (sottolinear tal-Qorti).

L-appellant, fir-rikors tieghu, bazikament jikkontendi li tenut kont tac-cirkostanzi specjali tal-kaz – dawk li hu jsejhilhom "il-fatturi kollha mitiganti" – huwa kellu jinghata piena "anqas harxa". Fil-kors tat-trattazzjoni mill-abbli difensur tieghu, l-Avukat Dott. Ian Farrugia, gie sottomess li dan kien kaz fejn l-ewwel Qorti setghet – u fin-nuqqas din il-Qorti kienet qed tigi hekk mistiedna – tapplika l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali biex tinzel taht il-minimu u b'hekk tapplika piena ta' prigunerija li tkun tista' tigi sospiza.

Din il-Qorti ezaminat l-atti u d-deposizzjonijiet kollha, inkluzi dawk moghtija quddiem il-Qorti Kriminali fl-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2002, izda ma tistax taqbel ma' l-appellant. L-ewwel Qorti, meta giet biex tqis il-piena, qaghdet attenta hafna li tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi <u>kollha</u> tal-kaz. In fatti dik il-Qorti qalet hekk:

**Ikkunsidrat dwar il-piena l-kondotta tal-hati u l-fatt li hu ga gie misjub hati darbtejn ta' reati kontra l-paci u l-unur tal-familja u kontra l-morali [1], darba qabel il-kommissjoni ta' dan ir-reat li bih hu akkuzat illum u darba wara; ic-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz, fejn l-agir vjolent huwa prezunt mill-ligi u mhux ghax ezista fizikament – ghax fil-fatt irrizulta li l-vittma tar-reat ippartecipat attivament fl-attivita` sesswali li saret bejnha u bejn il-hati u anke stiednet l-istess u hadet sodisfazzjon bl-istess atti – imma ghax minhabba mard tal-mohh hi ma setghetx tirrezisti; kif ukoll il-fatt li l-hati nqeda bil-kwalita` tieghu ta' ufficjal pubbliku biex seta jwettaq dar-reat; il-fatt li l-akkuzat ammetta l-htija tieghu fi stadju bikri tal-process u kkollabora bis-shih mal-Pulizija li investigaw il-kaz u stqarr maghhom ghemilu mill-ewwel; qieset ukoll dak li**

[1] B'sentenza tal-25 ta' Gunju, 1982 huwa kien instab hati ta' korruzjoni ta' minorenni u li ghamel atti kontra d-decenza u l-morali fil-pubbliku; u b'sentenza ohra tas-6 ta' Novembru, 2001 huwa instab hati ta' korruzzjoni ta' minorenni, attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni u sekwestru illegali tal-persuna aggravat. Ghandu wkoll kundanna ohra (10 ta' Gunju, 1994) ghal serq semplici mill-Isptar San Luqa.

**xehed Dott. Joseph Vella Baldacchino dwar il-kondizzjoni medika tal-hati u l-kura li qed jissomministra lill-hati kif ukoll dak li rrelataw l-esperti psikjatrici fir-rigward tal-hati kif ukoll tal-vittma.**

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ma halliet assolutament xejn barra, b'mod li ma tarax kif tista' tiggustifika xi tibdil fil-piena. Il-kaz ma jipprezenta ebda ragunijiet specjali u straordinarji (Art. 21, Kap. 9) li jintitolaw lil din il-Qorti tinzel taht il-minimu. Huwa veru, minn banda, li din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif l-appellant, fil-kariga li kellu bhala Health Assistant addett mal-*laundry*, kien fid-dmir li jissorvelja li ma jsirx reat jew li jimpedixxi reat bhal dak li huwa stess ikkommetta (Art. 141, Kap. 9) [2], pero` l-appellant ammetta dana l-aggravju, aggravju li jgib bhala konsegwenza zieda fil-piena ta' grad b'mod li l-minimu tal-piena kien ta' erba' snin prigunerija u l-massimu kien ta' tnax-il sena. Mill-banda l-ohra, kull minn jippresta s-servizzi tieghu fl-Isptar Monte Carmeli, ikun id-Direttur tal-Psikjatrija jew il-fattiga, qieghed hemm biex ighin lill-pazjenti u jiehu hsiebhom – pazjenti li proprju minhabba mard mentali huma fil-maggor parti taghhom debboli u vulnerabbli – u mhux biex jabbuza minnhom, kif effettivament ghamel l-appellant fil-konfront ta' R. M. Din kienet cirkostanza kerha hafna u fattur aggravanti li, aktar ma din il-Qorti tahseb fuqu, aktar ittendi li tikkonkludi li l-piena erogata mill-ewwel Qorti x'aktarx kienet miti zzejjed. Ghalhekk, ma hemm lok ta' ebda varjazzjoni fil-piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, inkluza dik il-parti tas-sentenza fejn irrikmandat lid-Direttur tal-Habs sabiex jassigura li l-hati jibqa' jircievi il-kura medika li qed jircevi bhalissa billi jsir kull kuntatt mehtieg mat-tabib kuranti tieghu Dott. Joseph Vella Baldacchino.

[2] Ara a propozitu s-sentenzi ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-17 ta' Lulju, 2002 u tal-1 ta' Novembru, 2002 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Emmanuel Testa*** u ***Il-Pulizija v. Aldo Fenech*** rispettivament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------